***Kunsill Lokali Ħamrun***
***683 A, Triq il-Kbira San Ġużepp,***
***Ħamrun***
**Tel: 21222020 / Fax: 21221522**

Saret il-mitejn u erbgħa u tmenin laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħamrun nhar it-Tnejn 25 ta' Ottubru 2010 fil-5.30pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

## 1. Preżenti

| | |
|---|---|
| Is-Sur Vincent Bonello | Sindku |
| Is-Sur Christian Sammut | Viċi Sindku |
| Is-Sinjura Carmen Borg | Kunsillier |
| Is-Sinjura Judith Bernardette Bugeja | Kunsillier |
| Is-Sur Mario Caruana | Kunsillier |
| Is-Sur Arthur Ellul | Kunsillier |
| Dr. Paula Mifsud Bonnici LL.D | Kunsillier |
| Is-Sur Cedric Valletta | Kunsillier |

Il-Kunsill irċieva ittra mingħand Dr.J. Abela fejn talab li jiġi skużat minħabba raġunijiet ta' xogħol.

Il-Kunsill approva li Dr.J. Abela ikun skużat.

## 2. Talba

Is-Sindku qal it-talba.

## 3. Approvazzjoni tal-Minuti

*3.1* Il-minuti tal-mitejn u tnejn u tmenin laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħamrun ġew approvati unanimament.

3.2 Il-minuti tal-kontinwazzjoni tal-mitejn u tnejn u tmenin laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħamrun ġew approvati unanimament.

*3.3* Il-minuti tal-mitejn u tlieta u tmenin laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħamrun ġew approvati unanimament.

## 4. Punti li joħorġu mill-Minuti

### *4.1 Proġett tas-Suq*

- Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv ltaqgħu mal-Ekonomista s-Sur Andrew Brincat dwar il-possibilta' li jħejji studju għal-Kunsill biex l-istess Kunsill ikun f'pożizzjoni jiddeċiedi l-aħjar mod kif għandha titmexxa l-*carpark*. Huwa spjega li biex jagħmlu dan ir-rapport kien qed jitlob ħlas ta' €1,100.00. Il-Kunsill approva unanimament li jqabbad lis-Sur Brincat biex iħejji dan ir-rapport għal-konsiderazzjoni tal-Kunsill.

- Is-Sindku nforma lill-Kunsill li t-*tender* għal-*finishings* tal-parkeġġ għadu ma tlestiex.

### *4.2 Latrina Pubblika fi Triq il-Ferrovija*

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kellem lis-Supretendent. Dan minn naħa tiegħu qallu li ma jsibx problema jekk tingħalaq il-latrina Pubblika fi Triq il-Ferrovija. Il-Kunsill iddeċieda li jagħlaq temporanjament bi prova l-latrina ta' Triq il-Ferrovija wara l-attivita' taċ-*Chocolate Festival.*

### *4.3 Premjijiet Nazzjonali għall-Appoġġ lill-Intrapriża*

Is-Sur C. Valletta nforma lill-Kunsill li l-applikazzjoni daħlet. Ġie deċiż li jekk il-Kunsill jirbaħ xi premju ta' fondi, dawn jiġu nvestiti biex jissaħħaħ il-qasam tal-kummerċ ġewwa l-Ħamrun.

### *4.4 Resurfucing ta' Triq id-Duka ta' Edinburgh u Triq Eldorado*

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li għadna qed nistennew risposta mill-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma qabel ma nkunu nistgħu noħorġu tender għax-xogħolijiet ta' *resurfucing*.

### *4.5 Attivitajiet Milied 2010 – Ħamrun Spartans*

Fis-6.30pm il-Viċi Sindku daħal għal-laqgħa.

- Is-Sindku spjega li kien urtat bil-mod kif xi Kunsilliera kienu qed ixewxu lis-sidien tal-ħwienet billi jgħidulhom li l-Kunsill ser iġib lill-bejjiegħa tal-monti fil-Ħamrun għall-Milied.

  Is-Sur C. Valletta spjega li wara l-aħħar laqgħa tal-Kunsill huwa ltaqa' ma' membru tas-Sotto Kumitat tiegħu u qallu bid-deċiżjoni li kienet ittieħdet waqt l-aħħar laqgħa. Huwa tenna li d-deċiżjoni li ħa fl-aħħar laqgħa bl-ebda mod m'għandha tiġi nterpretata li ma jaqbilx li l-Ħamrun Spartans għandhom jaqilgħu lira.

- Is-Sindku nforma lill-Kunsill li waqt il-laqgħa li saret fid-19 ta' Otubru 2010 mar-rappreżentanti tal-Ħamrun Spartans inqrat il-mozzjoni li ġiet approvata fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill. Fl-istess laqgħa ġie propost li fejn Pjazza San Pawl ikun hemm *train*, *bouncing castle* u logħob ieħor għat-tfal flimkien ma' bejgħ tal-qastan u *mulled wine*. Dwar il-palk ġie miftiehem li jiksbu '*no objection*' mill-ħwienet u

residenti tal-viċinanzi. Waqt l-istess laqgħa ġie spjegat ukoll li l-Kunsill għandu proramm ta' attivitajiet għall-żmien il-Milied.

- Is-Sur C.Valletta nforma lill-Kunsill li fl-aħħar laqgħa tas-Sotto Kumitat ġie ssuġġerit li ssir laqgħa oħra nhar il-Ġimgħa 29 ta' Ottubru 2010 fis-7.00pm fejn għalih għandhom jiġu mistiedna r-rappreżentanti tal-Ħamrun Spartans. Ġie deċiż li l-Ħamrun Spartans jintalbu l-programm tal-attivitajiet li ser jorganizzaw biex jiġu kordinati mal-attivitajiet tal-Kunsill.

- Is-Sur C. Valletta nforma lill-Kunsill li sallum kien hemm 35 ħanut interessat li jikkontribwixxi għall-armar tad-dawl u *sound* fi Triq il-Kbira San Ġużepp. Ġie spjegat li n-numru jrid jitla' għall-65 biex ikun jista' jsir l-armar. Huwa spjega li s-Sur Arthur Azzopardi offra li jdur il-ħwienet mal-*handymen* tal-Kunsill. Il-ħsieb tas-Sotto Kumitat kien li matul ix-xahar ta' Diċembru jsiru parati mill-iscouts u t-tlett baned tal-Ħamrun, issir Wirja tal-Presepji kif ukoll *Santas Parade*. Ġie deċiż li jiġi stabbilit l-ispejjeż involuti sabiex il-Kunsill ikun jista' jalloka fondi għall-programm ta' attivitajiet.

## 5. <u>Korrispondenza</u>

Il-Kunsilliera ngħataw kopja tal-lista tal-korrispondenza li rċieva l-Kunsill bejn l-1 u l-25 ta' Ottubru 2010.

### *5.1 Transport Malta – Yellow hatched box u Reserved Parking Bay fi Triq Maitland*

Il-Kunsill irċieva ittra mingħand TM dwar *Yellow hatched box* fi Triq Maitland k/m Triq il-Ferrovija u *Reserved Parking Bay* mingħajr permess quddiem 9, Triq Maitland, Ħamrun. Il-Kunsill ser jinvestiga dawn ir-rapporti.

### *5.2 Transport Malta – Motor Cycle Bay fi Triq il-Vittorja, Ħamrun*

Transport Malta approvat li ssir *Motor Cycle Bay* fi Triq il-Vittorja viċin il-kantuniera ma' Triq id-Duka ta' Edinburgh.

### 5.3 *Ħamrun Union Racing Pigeon Club – Sponsor*

Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Ħamrun Spartans Union Pigeon Club fejn talbu li l-Kunsill jisponsorja tiġrija. Il-Kunsill iddeċieda li jinforma lil-HURPC li l-liġi ma tippermettix li Kunsill Lokali tisponsorja din it-tiġrija.

### *5.4 Transport Malta – Single Yellow Line fi Triq Eldorado*

TM approvat li ssir *Single Yellow Line* fi Triq Eldorado faċċata tal-garaxx numru 18/20.

### *5.5 Schembri Infrastrucures Ltd. – Allegati ħsarat fil-Propjeta' tal-familja Azzopardi*

Il-perit tal-kuntrattur nforma lill-Kunsill li t-talba tal-allegati ħsarat li saru fil-bir tal-familja Azzopardi waqt it-tħaffir tas-suq ma tistax tiġi milqugħa għaliex m'hemmx provi biżżejjed

peress li kieku saru ħsarat fil-bir dawn kienu jindunaw bil-ħsara x-xitwa li għadda u mhux issir 'l fuq minn sena wara li sar ix-xogħol.

*5.6 Residenti – Sleeping Policeman fi Triq il-Vittorja*

Il-Kunsill irċieva talba mir-residenti ta' Triq il-Vittorja fejn talbu biex issir *Sleeping Policeman* quddiem residenza 104, Triq il-Vittorja. Ġie deċiż li din it-talba tiġi riferuta lill-Transport Malta.

*5.7 Our Lady Immaculate School – Talba għal-ħadida*

Il-Kunsill irċieva talba mill-Iskola Our Lady Immaculate biex tiġi mwaħħla ħadida quddiem il-kappella. Il-Kunsill iddeċieda li jirreferi din il-korrispondenza lill-Transport Malta għal-konsiderazzjoni.

*5.8 Korporazzjoni tax-Xogħol u Taħriġ – Skema Xogħol fil-Komunita'*

Il-Kunsill ġie nfurmat li l-ETC estendiet għal-sitt xhur il-parteċipazzjoni tas-Sur Dennis Parnis u s-Sur Mario Attard fl-iskema Xogħol fil-Komunita'.

*5.9 Malta Resources Authority - Pizza by Luca*

Il-Kunsill irċieva gwida mingħand il-*Malta Resources Authority* fir-rigward it-talba migħand il-propjetarju tal-ħanut Pizza by Luca dwar ċilindri tal-gas fuq il-bankina. Ġie deċiż li kopja tal-korrispondenza tintbgħat lill-Luca Corporation sabiex jiġu gwidati f'dan ir-rigward.

*5.10 Top Shops Ltd. – Kuntratt tal-Kera*

Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-sid tal-uffiċċju tal-Kunsill fejn irrefera għall-laqgħa li kellu mas-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv u nsista li l-post jiġi ritornat fl-istess kundizzjoni li kien ingħata lill-Kunsill. Huwa aċċetta li l-manutenzjoni u tibjid isir fl-ewwel erba' gimgħat ta' wara d-data li jiskadi l-kuntratt, iġifieri f'Jannar 2011. Il-Kunsill iddeċieda li jitlob il-parir ta' l-avukatt tal-Kunsill rigward il-*fixtures and fitings*.

*5.11 Sur Johnaton Fenech – Wirja ta' karozzi*

Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Sur Fenech fejn talab li tiġi organizzata wirja ta' karozzi fi Triq Schembri xi darba l-Ħadd. Ġie deċiż li s-Sindku jiltaqa' mas-Sur Fenech dwar din il-proposta.

## 6. <u>Festival taċ-Ċikkulata</u>

Is-Sindku fakkar lill-Kunsilliera li nhar il-Ħamis 28 ta' Ottubru 2010 fil-5.00pm ġewwa l-fabbrika tal-MDP ser issir il-Konferenza Stampa għall-Festival taċ-Ċikkulata fejn ser jattendu l-Onorevoli Dr. Mario de Marco u l-Onorevoli Dr. Stefan Buontempo. Bħala reklamar tal-attivita saru 4 *posters* kbar, posters A3 u *flyers* li tqassmu f'diversi lokalitajiet. Dawn ser jitqassmu wkoll f'bieb il-belt.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li nġabru kwotazzjonijiet għas-*Sound*, Dwal u Tined.

Ġie deċiż li s-*Sound* jiġi provdut mill-kumpanija Digital Magic għal-prezz ta' €150.00, is-Servizz tad-dawl jiġi provdut mill-kumpanija Turbolight għall-prezz ta' € 2,489.80, liema prezz jista jogħla minħabba żieda fl-istands filwaqt li t-tined jiġu provduti mill-kumpanija Leon Promotions għall-prezz ta' €2,700.00.

## 7. Attivita' tal-Karnival 2011

Il-Kunsill iddeċieda li jaħtar kummisjoni biex iħejji programm għall-attivita' tal-Karnival għas-sena d-dieħla. Din il-kummissjoni għandha tagħmel laqgħa mas-Sur George Zahra u s-Sur Joe Sapiano peres li dawn offrew l-esperjenza tagħhom f'dan ir-rigward. Is-Sindku, il-Viċi Sindku, s-Sinjura C. Borg u Dr. P. Mifsud Bonnici ikunu membri tal-kummisjoni.

## 8. Schedule of Payments

Il-Kunsilliera ngħataw kopja tal-lista tal-kontijiet li rċieva l-Kunsill sal-25 ta' Ottubru 2010 (kopja mehmuża ma' dawn il-minuti).

Il-Kunsill approva unanimament il-ħlas tal-istess kontijiet.

## 9. Aġġornament

Il-laqgħa spiċċat fid-8.45pm.

____________________
Vincent Bonello
Sindku
Kunsill Lokali Ħamrun

____________________
Philip Massa
Segretarju Eżekuttiv
Kunsill Lokali Ħamrun

____________________
DATA